TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1654

KAZ 1787

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Vincent Azzopardi

u

Malta National Laboratory Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 12 ta' Dicembru 2005

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Membri : Is-Sur Michael J. Mallia
Is-Sur John de Gray

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-29 ta' Lulju 2003.

It-Tribunal zamm 10 seduti.

Wara il-mewt tas-Sur Maurice Agius, wiehed mill-membri li kien qed jisma' l-kaz, dahal minfloku is-Sur John de Gray.

Vincent Azzopardi, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukati George Abela u Lydia Zerafa u Malta National Laboratory Co. Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Patrick Calleja assistit mill-Avukati Joseph Caruana Scicluna u Sharon Fenech.

L-appellant sostna li r-ragunijiet li nghataw ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma kienux validi u ma kienu xejn hlief tentattiv biex jitkecca. Qal li, kontra dak li ntqal fl-ittra ta' tkeccija, qatt qabel ma kien inghata xi forma jew ohra ta' twissija u li l-General Manager kien sa mill-bidu ppregudikat kontra tieghu. Jichad li aggredixxa lill-General Manager u jghid li kieku kien hati ta' akkuza daqstant gravi l-Kumpanija ma kienetx iddum aktar minn xagharejn mid-data ta' l-incident biex tkeccieh.

Il-Kumpanija kkontendiet li kellha raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant billi dan aggredixxa superjur u li tul l-impieg tieghu dejjem wera arroganza u attitudni negattiva lejn il-Management.

Mix-xhieda u mid dokumenti jirrezulta li :

- il-General Manager ma kellux relazzjonijiet tajba ma l-appellant u xi mpjegati ohra.
- Patrick Calleja, dak iz-zmien Executive Director, ra lill-appellant ihebb ghall-General Manager u Nathalie Zahra fl-affidavit taghha tghid li "Jien imbaghad rajt lil Vince Azzopardi jigri lejn Josef Grech u jimbottah b'sidru".
- l-incident ma sehhx fis-sahna tal-mument waqt xi argument izda beda meta l-appellant mar fuq zewg superjuri li kienu qed jitkellmu bejniethom.
- il-General Manager ghamel rapport lill-Pulizija dwar dan l-incident.
- l-appellant waqt l-incident kien heddet lill-General Manager li javvelih quddiem kulhadd dak in-nhar tal-ftuh ufficjali tal-Kumpanija u gie mwissi mill-Pulizija biex ma jaghmilx hekk.
- l-appellant kien gie imwissi mill-General Manager bl-ittra tas-27 ta' Lulju 2001 dwar l-atteggament u l-kondotta tieghu u diversi drabi gie mwissi verbalment mic-Chairman u mill-General Manager dwar il-kondotta tieghu. Ic-Chairman qal li r-relazzjoni tieghu ma l-appellant kienet difficli.
- l-appellant ammetta li uza kliem baxx.
- ghalkemm it-tkeccija saret fit-22 ta' April 2003 izda dak in-nhar stess ta' l-incident l-appellant gie infurmat b'ittra mic-Chairman li l-Bord tad-Diretturi jikkonsidra li l-agir tieghu jimmerita tkeccija u li kien qed jinghata sat-12 ta' Frar 2003 biex jiddefendi ruhu permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub. Gie nfurmat ukoll li gie sospiz mix-xoghol u li ma ghandux jattendi fil-bini tal-Kumpanija jew jaghmel kuntatt ma ufficjali jew shareholders tal-Kumpanija. Gie avzat li sadanittant se jitqies bhala fuq vacation leave bil-paga.

It-Tribunal ikkonsidra li :

- ghalkemm l-General Manager mill-bidu wera certu rizervi dwar l-appellant u ma kienx hemm relazzjoni tajba bejniethom, ir-reazzjoni ta' l-appellant kienet ezagerata u inaccettabbli. Dan in-nuqqas ta' ftehim ma jiggustifikax il-mod inkorrett u aggressiv li bih kien jiktiblu u wisq anqas it-ton li bih kien jikteb lic-Chairman u lill-Executive Director. L-anqas m'hi gustifikazzjoni ghall-uzu ta'vjolenza.
- jekk l-appellant deherlu li kienet qed issir mieghu diskriminazzjoni jew ingustizzja seta' jirrikorri ghal rimedji li tipprovdi l-ligi.
- fl-ittra tieghu tat-8 ta' Frar 2003 bhala twegiba ghal dik tac-Chairman, ghalkemm kien jaf li kien qed jiffacca l-possibbilta ta' tkeccija, f'lok illimita ruhu ghad-difiza ta' l-akkuzi kontrih ghamel diversi allegazzjonijiet, insinwazzjonijiet u tghajjir.

- l-ittri tieghu mmarkati Dok F1 sa F9 annessi mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Kumpanija juru li l-appellant kellu nuqqas ta' rispett ghas-superjuri tieghu u attitudni ta' arroganza, sarkazmu u theddid.
- l-ittri kollha li kiteb l-appellant lill-ex-Chairman, lic-Chairman ta' warajh u lill-General Manager kif ukoll ix-xhieda li ta f'dan it-Tribunal huma fil-bicca l-kbira sensiela ta' allegazzjonijiet kontra l-ghola uffucjali tal-Kumpanija li, minghajr provi biex jissostanzjahom, jikkostitwixxu akkuzi malafamanti li ma jghinu xejn il-kaz tieghu anzi jsahhu l-gustifikazzjoni tal-Kumpanija.
- gie pruvat li l-appellant qal kliem baxx, insolenta superjuri, ghamel theddid u fuq kollox wettaq att ta' vjolenza fuq superjur.
- ix-xhieda li ressaq l-appellant dwar jekk aggrediex lill-General Manager ma kienux konvincenti waqt li dawk li ressqet il-Kumpanija kienu konvincenti u kredibbli.
- l-appellant inghata kull opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Michael J. Mallia
Membru

John de Gray
Membru

Mary Rose Galea
Segretarja